MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 76/1992/1

John Bezzina f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsefrin Edwina mart Barry Owens, Lucia mart Luigi Guerino, Kim mart Frank Dieni, Patricia Bourke u Paola armla ta' George Bezzin .

vs

Maria mart Pawlu Borg,
Winifred mart Anthony Tabone, u
Pauline mart Louis Zammit .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li jippremettew :

Illi fit-tlieta ta' Dicembru tal-elf disa' mija u disgha u hamsin (3.XII.1959), miet il-Pieta', Malta, Carmelo Bezzina, iben Antonio Concetta nee' Camenzuli, li billi

miet intestat, il-wirt tieghu ddevolva favur is-seba’ wliedu, u cioe’ l-kontendenti: John Bezzina, Edwina Owens, Lucia Guerino, Maria Borg, Winifred Tabone u Pauline Zammit, flimkien ma’ George Bezzina, fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom (Dok. A) .

Illi fid-disgha ta’ Mejju tal-elf disa’ mija u sebgha u tmenin (9.V.1987), mietet il-Pieta’, Malta, Rita Bezzina, armla ta’ Carmelo u bint Paul Haber u Lucia nee Farrugia, li wkoll mietet intestata u wirtuha s-seba’ wliedha; John Bezzina, Edwina Owens, Lucia Guerino, Maria Borg, Winifred Tabone, Pauline Zammit u George Bezzina (Dok. B) ;

Illi fl-erbatax ta’ Marzu tal-elf disa’mija u disghin (14.III.1990), sussegwentement, miet fl-esteru, l-imsemmi George Bezzina, iben Carmelo u Rita nee’ Haber u l-wirt tieghu ddevolva favur uliedu, cioe’ l-atturi Kim Dieni u Patricia Bourke u favur l-armla tieghu, Paola Bezzina .
Illi konsegwentement ghal dawn l-imwiet, il-kontendenti qeghdin jippossjedu bejniethom, diversi beni .

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu iktar f’dan l-istat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuti .

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuti naqsu li jaddivjenu ghall-qasma .

Illi inoltre, il-kontendenti ma humiex jaqblu bejniethom dwar il-mod ta’ kif ghandhom jigu gawduti l-beni in divizjoni, u ghalhekk pendenti d-divizjoni, ghandu jinhatar kuratur sabiex jamministra l-beni ta’ bejniethom skond il-Ligi .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiffissa u tistabilixxi l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti gia’ ezistenti bejn l-imsemmija Carmelo u Rita konjugi Bezzina, billi jigi ddikjarat li tikkonsisti f’dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk iffissata f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-eredita’ ta’ Carmelo Bezzina u l-ohra lill-eredita’ ta’ Rita Bezzina .

3. Tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi partikolari tal-mejjet Carmelo Bezzina billi jigu ddikjarati li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk iffissata u f’dawk il-beni u sostanzi l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza .

4. Taqsam il-beni hekk iffissati f’seba’ (7) porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-kontendenti John Bezzina, Lucia Guerino, Edwina owens, Maria Borg, Winifred Tabone u Pauline Zammit u porzjon ohra lill-atturi Kim Dieni, Patricia Bourke u Paola armla ta’ George Bezzina .

5. Tistabilixxi l-konsistenza tal-assi partikolari tal-mejta Rita Bezzina billi jigu ddikjarati li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni tal-akkwisti ffissata kif fuq imsemmi u f’dawk il-beni u sostanzi l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

6. Taqsam dawn il-beni f’seba’ (7) porzjonijiet ugwali, li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-kontendenti John Bezzina, Lucia Guerino, Edwina Owens, Maria Borg, Winifred Tabone u Pauline Zammit u porzjoni ohra lill-atturi Kim Dieni, Patricia Bourke u Paola armla ta’ George Bezzina .

7. Tahtar nutar Pubbliku biex jippubblika l-att ta’ divizjoni opportun f’data, hin u lok li jigu ffissati ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta’ kuraturi li jigu nominati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att opportun .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Jannar tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (I.1992) .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament mahlufa minn John Bezzina .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Pauline mart Louis Zammit li biha eccepiet :

1. Illi preliminarjament l-attur irid jipprova li huwa mandatarju tal-persunbi li jghid li qed jirrapprezenta .

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuta ma ghandha ebda oggezzjoni li ssir id-divizjoni kif mitluba, salv li ssir il-verifika tal-beni in divizjoni kif ukoll tal-kwoti rispettivi .

3. Illi fil-likwidazzjoni tal-assijiet rispettivi ghandha tidhol ukoll il-pretensjoni tal-konvenuta ghall-kumpens ta' servigi, kuri u assistenzi rezi lill-mejtin genituri taghha, kif ukoll ghal veramenti ta' flus tal-ikel u hwejjeg ohra essenzjali tal-hajja da parti tal-eccipjenti u zewgha, kif ukoll il-manutenzjoni tal-proprjeta' in divizjoni .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti taghha minnha mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra Maria mart Pawlu Borg u Winnifred mart Anthony Tabone li eccepew :

1. Illi preliminarjament l-attur irid jipprova li huwa mandatarju tal-persuni li jghid li qed jirrappezenta .

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenuti ecceipjenti ma ghandhom ebda oggezzjoni li ssir id-divizjoni salv li ssir il-verifika tal-kwoti rispettivi u jigu elenkati l-beni in divizjoni .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Winnifred Tabone .

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Ottubru 1992 fejn gie nominat l-avukat Dottor Carmelo Galea bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali pprezentata fis-16 ta' Frar 1999 u mahlufa minnu fl-udjenza tat-8 April 1999 .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi ta' l-atturi u l-konvenuta Zammit .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ghall-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-beni li kienu jappartjenu lil Carmelo u Rita gia konjugi Bezzina, genituri jew nanniet tal-kontendenti . L-ewwel eccezzjoni li ntavolaw il-konvenuti kollha tirrigwarda l-prova tal-mandat li l-attur John Bezzina qal li ghandu ta' hutu jew neputijiet tieghu msiefrin . Ma jirrizultax mill-atti ta' din il-kawza li saret tali prova f'xi stadju tal-proceduri, imma jidher illi l-konvenuti wara dawn is-snin kollha li ilha tigi kkumbattuta din il-kawza lahqu rrinunzjaw ghal tali prova u nfatti accettaw illi l-attur tassew kellu l-mandat tal-kondividenti l-ohra imsefrin .

Il-konjugi Bezzina mietu t-tnejn intestati u ghalhekk l-eredita' taghhom ddevolviet ugwalment fuq is-seba' uliedhom : John, George, Edwina Owens, Lucia Guerino, Maria Borg, Pauline Zammit u Winnifred Tabone . Wiehed minn dawn l-ulied u cioe' George Bezzina miet fl-esteru fl-14 ta' Marzu 1990 . Ma jirrizultax illi dan ghamel xi testment rigward il-beni tieghu f'dawn il-gzejjer u ghalhekk a tenur tad-dritt privat internazzjonali tapplika l-*lex situs* u wirtuh *ab intestatio* rigward sehmu mill-beni mmobbli mhollija mill-genituri tieghu, z-zewg ulied Kim Dieni u Patricia Bourke (art. 789 tal-Kap. 16) .

Rigward il-konsistenza ta’ l-assi ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni. Primarjament hemm id-dar residenzjali tal-konjugi Bezzina fl-indirizz numru erbatax (14) Triq il-Mithna, ix-Xewkija, Ghawdex, li kienet tifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti gia ezistenti bejniethom . Beni parafernali ta’ l-omm jirrizulta li kien hemm ottava parti (1/8) indiviza minn zewg porzjonijiet raba’ maghrufa “Ic-Cens ta’ San Gwann”, fil-limiti tax-Xewkija ukoll . Minn dak li qalu l-partijiet jidher illi dan ir-raba huwa oggett ta’ kawza ohra pendenti bejn il-komproprjetarji kollha . L-ezitu ta’ din il-kawza pero’ baqa’ mhux maghruf u ghalhekk id-drittijiet tal-kontendenti fuq dan is-sehem jibqghu impregudikati . Il-partijiet semmew ukoll illi minn naha ta’ missierhom wirtu wkoll xi ishma ndivizi f’xi proprjetajiet fix-Xewkija u r-Rabat . Dawn il-beni ma jissemmewx fid-denuzja ta’ Carmelo Bezzina u ghalhekk x’aktarx li kien gia lahaq miet qabel ma wirtuhom . Ma nghataw ebda dettalji ohra dwar dawn il-proprjetajiet u l-istess kwalunkwe drittijiet tal-kontendenti fuq dawn il-beni jibqghu impregudikati .

Flus kontanti jew depoziti bankarji ma rrizulta li kien baqa’ xejn . Dwar ghamara fid-dar residenzjali ma nghatat ebda informazzjoni u bhala oggetti tad-deheb issemmmew biss zewg crieket u par imsielet imkissrin fil-pussess tal-konvenuta Pauline Zammit .

Jibqa’ sabiex tigi ttrattata l-kwistjoni tat-talba ghall-kumpens dwar servigi allegatament imwettqa mill-konvenuta Pauline Zammit ma’ ommha . Fl-*actio familiari erciscunde* bhalma ghandna fil-kaz in ezami, huwa lecitu illi jitqajmu l-kwistjonijiet kollha li jista’ jkollhom il-kontendenti dwar l-eredita’ li taghha jkunu qed jitolbu d-divizjoni (ara f’dan is-sens il-gurisprudenza ccitata mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu a fol.189-192) . Dottor Galea kkonkluda illi ghalkemm jirrizulta illi Pauline Zammit tassew wettqet diversi servizzi lil ommha matul is-snin, li taghhom jisthoqqilha tigi kkumpensata, ta’ ostakolu ghal dan hemm il-preskrizzjoni kwinkwennali, peress illi l-ewwel darba li jidher illi wriet b’mod ufficcjali l-pretensjoni taghha f’dan ir-rigward kien biss fin-nota ta’ l-

eccezzjonijiet taghha ntavolata fit-23 ta' Lulju 1992 u cioe' 'l fuq minn hames snin u xahrejn wara l-mewt ta' ommha .

Il-konvenuta Zammit ikkontestat din il-konkluzjoni peritali a bazi ta' dak li tiddisponi l-ligi illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistghax titqajjem *ex officio* . Huwa minnu illi l-artikolu 2111 tal-Kodici Civili taghna jghid illi "**l-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti nteressata**", u sa dakinhar li kkonkluda r-relazzjoni tieghu l-perit legali, hadd mill-partijiet ma kien qajjem din l-eccezzjoni b'mod formali . Madankollu dan sar permezz tan-nota pprezentata mill-atturi fit-13 ta' Novembru 2002 (a fol. 309) . Wiehed hawnhekk irid japprezza illi peress illi din it-talba saret mill-konvenuta Zammit fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u mhux permezz ta' kontro-talba, l-atturi ma kellhomx l-opportunita' jopponu ghal tali talba u jeccepixxu l-preskrizzjoni b'mod normali . F'dan il-kuntest ta' min isemmi li l-Qrati taghna accettaw illi mhux bilfors mehtieg illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ssir b'mod formali, tant illi bhal ma nsibu fis-sentenza "Tommaso Sammut vs Carmela Farrugia et (19.10.1954; kollez. XXXVIII. II. 583): " ….*billi dina l-Qorti accettat dik in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-imsemmijin konvenuti, li biha huma ssolevaw il-preskrizzjoni –nota li huma kellhom il-fakolta' li jipprezentawha –jidher illi l-istess eccezzjoni tista' tigi ezaminata u deciza; izjed u izjed meta, wara dik in-nota ta' l-attur u l-imsemmija konvenuti skambjaw, bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, diversi noti ta' osservazzjonijiet in mertu ta' l-istess eccezzjoni*." – appuntu bhal ma gara fil-kaz in ezami .

Il-konvenuta Zammit tinsisti pero' fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha illi, minkejja din l-eccezzjoni, l-atturi bl-agir taghhom tul il-kors kollu ta' din il-kawza, kienu rrinunzjaw tacitament ghall-istess eccezzjoni . Il-kompitu tal-Qorti hawnhekk huwa ghalhekk sabiex tiddecidi jekk tassew tezistix tali rinunzja da parti ta' l-atturi, f'liema kaz allura l-konvenuta Zammit tkun xorta wahda intitolata ghall-kumpens ghas-servigi resi minnha lill-ommha .

L-artikolu 2109(2) tal-Kap.16 jiddisponi illi: " ***Ir-rinunzja tacita (ghall-preskrizzjoni) tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat***". It-**Troplong** jispjega illi tali rinunzja tacita fiha erba' elementi :

"*Prima di tutto la rinunzia deve essere fatta dan una persona capace.*

*In secondo luogo la rinunzia essendo un atto che proviene dalla volonta' dell'uomo, deve essere pienamente libera o spontanea: non deve quindi essere carpita o involata con inganno, frode o violenza….*

*In terzo luogo la rinunzia essendo una vera alienazione, deve esser fatta con grande conoscenza di causa . Essa non puo' ammettersi se non quando riguarda un diritto di cui si ha certezza, e vi sarebbe errore in una rinunzia ad una prescrizione non conosciuta .*

*In quarto luogo conviene che gli atti, da cui si vuole indurre una rinunzia, stabiliscano la prova irrefragabile e non equivoca dell'abbandono*" (Commentario sulla Prescrizione –Napoli 1852 p. 58 - 9 # 52 et.seq.) .

Naraw illi dan l-awtur gie ccitat favorevolment mill-Qrati taghna meta dawn htegilhom jispjegaw x'tinvolvi tali rinuzja tacita . Hekk insibu jinghad fis-sentenza fil-kawza "Joseph Mizzi noe v. Jospeh Delicata pro et noe (14.10.1954; kollez. XXXVIII. III. 710) illi :

"*Skond il-ligi taghna r-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita . Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat; u l-Qorti ta' l-Appell Taghna fis-sentenza fil-kawza 'Cassar vs Dottor Paolo Azzopardi (Kollez. XXIX. I. 326) spjegat illi : "Dan kollu jfisser illi r-rinunzja ghall-preskrizzjoni jew l-ammissjoni tad-dejn, li minnu wiehed jista' jehles per mezz ta' atti, ma jistghux jigu migbuda bhala konsegwenza hlief ta' attijiet jew fattijiet li ma jistghux ifissru jew jittiehdu b'haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni*."

Huwa minnu dak li tikkontendi l-konvenuta Zammit fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha illi bil-fatt illi l-atturi opponew it-talba taghha ghall-hlas tas-servigi, b'daqshekk ma jfissirx illi kienu qeghdin jeccepixxu wkoll il-preskrizzjoni . Imma minn naha l-ohra irid jigi ndagat u deciz jekk l-agir ta' l-atturi jistghax jigi nterpretat bhala rinunzja tacita tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni . Ma jezistux normi fissi u precizi biex tistabilixxi jekk tkunx tassew saret tali rinunzja, imma kif intqal fis-sentenza fil-kawza: "Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici :

"…. *Din hi kwistjoni ta' apprezzament rimessa ghall-gudizzju u l-prudenza tal-gudikant; u dwarha, ghalhekk, ma hemmx normi u regoli a priori . Biss f'dan l-ezami ghandu naturalment isehh il-principju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja tacita, cjoe' illi l-fatt li minnu tigi ndotta r-rinunzja tacita jehtieg ikun tali li ma jistghax ragjonevolment jigi nterpretat mod iehor ghajr illi min ghamlu ried jirrinunzja; u jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta li dak l-ghemil huwa inkompatibbli mal-volonta' ta' min ghamlu li javvantaggja ruhu mill-preskrizzjoni*."

L-istess konvenuta fin-nota taghha taghmel referenza ghall-kontestazzjoni qawwija tal-atturi ghal dak kollu li qalet li ghamlet Pauline Zammit ma' ommha u li din ma kellhiex bzonn min idur biha; li l-ahwa subien kienu diversi drabi jibghatu kontribuzzjonijiet finanzjarji mis-safar lill-ommhom u li qatt ma kien hemm ebda ftehim dwar xi kumpens ghal dawn is-servigi. Imma b'daqshekk ma rrizulta mkien li qatt kien hemm da parti ta' l-istess atturi, li issa qed jeccepixxu l-preskrizzjoni kwinkwennali, xi rikonoxximent illi tassew Zammit haqqha xi kumpens jew li xi darba weghduha jew hallsuha xi forma ta' kumpens akkont ta dak li kien haqqha. Ghemil simili ndubbjament kien ikun ifisser rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti taghhom, imma fuq l-iskorta tad-duttrina u gurisprudenza hawn fuq iccitata ma jirrizultax illi qatt ghamlu dan, jew li kien hemm xi ghemil simili ta' l-atturi inkompatibbli mal-volonta' taghhom li javvantaggjaw ruhhom mill-preskrizzjoni. Ghalhekk billi ma jirrizultax ukoll illi l-istess konvenuta qatt interrompiet il-preskrizzjoni ta' hames snin

applikabbli f'kazijiet ta' servigi bhala ma ghandna fil-kaz in ezami, ma jista' jigi likwidat ebda kumpens ghaliha f'dan ir-rigward .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

1. tiddikjara illi l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Carmelo u Rita Haber jikkonsistu fid-dar numru erbatax (14) Triq il-Mithna, x-Xewkija, Ghawdex u l-oggetti nsinjifikanti tad-deheb hawn fuq deskritti ;
2. l-assi parafernali tad-decujus ma gewx specifikati b'mod illi jistghu jigu nkuzi f'din il-qasma, u ghalhekk kwanunkwe drittijiet tal-kondividenti fuq l-istess beni qed jithallew impregudikati ;
3. tiddikjara t-talba tal-konvenuta Pauline Zammit ghall-kumpens ghas-servigi resi lill-ommha Rita Bezzina preskritta a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kap.16 ;
4. billi l-unika proprjeta' mmobbli ghall-qasma certament mhix komodament divizibbli bejn daqstant kondividenti, tordna l-bejgh taghha in licitazzjoni, bl-ammissjoni ta' l-oblaturi estraneji sabiex imbaghad ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, jinqasam bejn l-ulied sopravissuti tad-decujus f'sehem ta' wiehed minn seba' partijiet (1/7) kull wiehed minnhom u wiehed minn erbatax (1/14) il-parti kull wiehed lil ulied George Bezzina, iben iehor tad-decujus, illum mejjet; b'dana illi ghall-fini tal-valutazzjoni qabel ma' ssir is-subbasta qed tinnomina lil-A.I.C. Guido Vella sabiex jaghmel stima u deskrizzjoni ta' dan il-fond ;
5. l-oggetti tad-deheb, minhabba l-valur x'aktarx minimu taghhom u biex ma jizdiedux spejjez inutili, ghandhom a xelta tal-konvenuta Pauline Zammit, jew jinzammu minnha akkont ta' sehma, bil-prezz ta' ghoxrin lira maltija (Lm20) li qed jigi ffissat *arbitrio boni viri*, inkella jinbiegh lil xi hanut tad-deheb biex ir-rikavat jinqasam bejn il-kondividenti skond l-ishma rispettivi taghhom .

L-ispejjez ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kondividenti kollha, kulhadd skond sehmu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------